MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Avviz Numru. 181/1996/1

**Frank Galea**

**Vs**

**Vincent Bongailas**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istanti s-somma ta’ Lm184.87c (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi) danni subiti in segwitu ghal incident stradali li sehh f’Hal Qormi fl-20 ta’ Mejju 1995 bejn car Escort nurmu L1112 misjuqa mill-istanti u car Jaguar nru S-3106 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' konsult u ittri u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lill-Middle Sea Insurance Co Ltd ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma' garax tort tal-konvenut izda gara unikament tort u htija tal-attur, is-sewwieq tal-vettura L-1112, billi huwa kien qed isuq b'mod imprudenti, u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort tal-konvenut l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur bhala danni.
3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi gie prodott il-fizzjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz cjoe PS 509 John Lentini (fol 14 sa fol 20 tal-atti u dan oltre li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz, maghmulin minnu kif ukoll in-notamenti li saru minnu meta kien fuq il-post spjega li l-incident awtomobilistiku, in esami, kien gara f'Triq Guze Duca rokna ma Triq Mdina, fil-limiti ta' Hal Qormi, skond kif murija fl-istess skizz. F'dan id-dokument, hemm murija iz-zewg vetturi involuti cjoe dak misjuqa mill-attur bin-numri L 1112 u l-ohra misjuqa mill-konvenut bin-numru L 3106. B'referenza ghall-istess skizz jigu notati s-sinjal ta' 'stop' li jidher mohbi 'in parte' mill-vettura misjuqa mill-konvenut kif ukoll it-triq bl-isem ta' Guza Duca, ossija wahda parallela ma Triq Imdina u li tiffunzjona bhala 'service road'. In rigward ir-rapport, dan ma jinkludiex il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-partijiet wara l-incident in esami. B'referenza ghall-hsarat hemm specifikat illi dik misjuqa mill-attur kelha hsara 'fuq il-fanal ta' wara u 'mudguard' tal-lemin ta' wara waqt li dik

kawzata fuq il-vettura tal-konvenut kienet tinsab ‘fuq il-‘mudguard’ ta’ quddiem tax-xellug’.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 22 et seq ibid) spjega li hu kien hiereg mill-imsemmija ‘service road’ ‘meta f’daqqa wahda rajt karozza hierga minn sqaq fuq il-lemin tieghi’. Meta ra hekk, hu pprova jevita l-habta billi ‘nghaggel aktar’. Cjononostante l-vettura l-ohra laqtet dik misjuqa minnu fuq wara fuq il-lemin. Inoltre l-istess karozza misjuqa minnu spiccat fil-posizzjoni kif murija fuq l-iskizz. L-istess attur kompla jghid illi hu kien ser jieqaf fuq l-imsemmi sinjal ta’ ‘stop’ izda ma waqafx hawn peress li ‘rajt lill-konvenut … diehel go fiha’ u b’hekk, hu zied il-velocita sabiex jevita il-habta, kif di gja gie premess.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut li kien qed isuq il-vettura l-ohra tal-marka “Jaguar XJ6” meta xehed (fol 41 u fol 60 ibid) hu kien hiereg minn triq laterali “fejn hemm sinjal ta’ stop ghal go Triq l-Imdina Qormi. Difatti hu qal li waqaf fuq l-istess sinjal fejn hemm ‘centre strip’ fuq ix-xellug kif muri fuq l-istess skizz. Pero, meta esamina l-iskizz ‘in atti’, hu specifika illi l-imsemmi sjinal ‘ma kienx kif indikat fl-iskecc izda aktar lura cioe mod iehor’. Dwar dan il-punt kellu jigi riprodott PS 509 John Lentini izda dan ma garax (ara fol 41 l-ahhar paragrafu). Il-konvenut kompla billi qal illi hu kien wieqaf dejjem fuq l-istess sinjal waqt li l-karozza misjuqa mill-attur kienet qed tinsaq fuq l-istess ‘triq dejqa’ sabiex tohrog minnha. Kif dan ghaddieh il-karozza tal-istess konvenut intlaqtet fuq il-bumper tal-passiggier, tax-xellug. Fl-ahhar nett, hu kompla jsostni illi l-imsemmi skizz kien ‘hazin’ peress li, skond hu, l-karozza tieghu kienet wieqfa ‘wara l-stop sign’ u ‘…zgur li ma kienetx il-barra kif murija fuq l-iskecc’. Dwar dan il-punt, filfatt, kellu jigi prodott certu Alfred Spiteri li, pero’, ma xehedx f’din il-kawza (ara ukoll l-imsemmija ‘notamenti’ a fol 19 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti, konfliggenti bejniethom u ghalhekk gew analizzati l-provi sabiex l-istess Qorti tara jekk hemmx evidenza indipendenti mill-partijiet involuti.  Effettivament tali evidenza tikkonsisti fl-imsemmija skizz u notamenti u l-posizzoni tal-vettura wara l-habta kif ukoll tal-hsarat kagunati fiz-zewg vetturi.  Mill-imsemmija notamenti, li jinkudu ukoll skizz 'rough' tal-incident in esami jidher car illi l-vettura misjuqa mill-konvenut tidher hierga minn triq laterali, kif jsostni l-attur, liema fatt jidher ukoll fuq l-iskizz finali esebit a fol 18.  Inoltre jekk tigi accettata l-versjoni moghtija mill-konvenut, il-Qorti tara li ma tantx jidher li hu possibbli li l-attur jista' jipprova jghaddi facilment, bejn il-karozza misjuqa mill-konvenut u wieqfa kif hu spjega, u dak indikat bhala 'centre strip' cjoe fi spazju li fil-fehma tal-Qorti hu limitat hafna.  Inoltre jekk dak li xehed il-konvenut kien jigi accettat, il-hsarat konsegwenzjali kienu, fil-fehma tal-Qorti, jkunu differrenti minn dawk risultanti minn din il-habta.  Certament il-vetturi misjuqa mill-attur u konvenut kien jkollhom hsarat fuq il-gnub taghhom rispettivament tal-lemin u tax-xellug.

Illi ghalhekk jidher li dak li xehed l-attur jirrispekkja dak li gara f'dan l-kaz u b'hekk il-konvenut ghandu jigi kunsiderat bhala responsabbli ghal dan l-incident peress li ma' uzax id-debita attenzjoni u ma hax il-kawteli kollha qabel ma hareg mit-triq zghira laterali ghal go t-triq deskritta bhala 'service road'.

Ikkunsidrat

Illi in rigward hsarat kagunati fuq il-vettura tal-attur, issir referenza ghad-dokumenti esebiti minnu a fol 25 sa fol 26 tal-atti u minn dawn jidher li l-istess hsarat kienu jammontaw ghal Lm184.87,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja,negligenza, traskuragni u in osservanza tar-regolamenti tat-trafiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm187.87,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm187.87,0 bl-imghax legali mis-16 ta' Marzu 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' konsult u ittra ammontanti ghal Lm11.50,0 u dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1996 imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------